## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 10, ta' Ottubru, 2022**

**Rikors Maħluf Nru: 946/2021**

***GODWIN GATT U AMANDA GATT***

***VS.***

***L-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR***

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet imressqa mill-konvenuta Awtorità tal-Ippjanar li għandhom x'jaqsmu mas-setgħa ta' din il-qorti li tisma' din il-kawża u mar-*res judicata*;

***Daħla***

2. B'rikors maħluf imressaq fl-**<u>24 ta' Settembru, 2021</u>**, l-atturi miżżewġin Gatt fissru, li b'kuntratt tal-31 ta' Diċembru, 2014 huma xtraw xi qtiegħi ta' art fil-limiti tar-Rabat, Malta, li kien fihom għadd ta' kmamar u bitħa li jmissu ma' sqaq tar-raba' li jinfed għal ġo Triq Għajn Qajjed;

3. Huma jgħidu li xeħtu applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar bin-numru PA 3286/14: (i) sabiex iwaqqgħu l-istrutturi li kien hemm mitluqa u mġarrfa; (ii) sabiex isir tiġdid u tisħiħ ta' Kalkara tal-Ġir u ta' kamra li ilha hemm qabel l-1967; (iii) sabiex isir tħaffir ta' kantina biex tingħaqad ma' bini ta' fond residenzjali; u (iv) sabiex isir tisbiħ tal-inħawi;

4. Din l-applikazzjoni iżda ma ġietx milqugħa għaliex l-Awtorità tal-Ippjanar sabet li l-post fejn kellu jsir dan l-iżvilupp ma kienx jintuża bħala residenza qabel is-sena 1978. Il-miżżewġin Gatt iżda ma qablux ma' din id-deċiżjoni u għalhekk fetħu din il-kawża sabiex din il-qorti:

> *«1. Tiddikjara, okkorrendo bl-assistenza ta' periti nominandi, li l-bini eżistenti llum bl-indirizz "Kristu Rebbieħ, fil-kuntrada ta' Għajn Klieb, limiti tar-Rabat, Malta", kienet jew kollha kemm hi jew parzjalment tintuża bħala residenza qabel is-sena 1978;*
>
> *Salv kull dritt u azzjoni oħra spettanti lir-rikorrenti.»*

5. Il-konvenuta Awtorità tal-Ippjanar ressqet risposta maħlufa fis-**<u>17 ta' Novembru, 2021</u>**, u fiha ressqet numru ta' eċċezzjonijiet. Fosthom hemm żewġ eċċezzjonijiet, li sejrin jiġu deċiżi f'din is-sentenza. Dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet, li jinsabu fl-ewwel żewġ paragrafi tar-risposta maħlufa, jaqraw hekk:

> *«1. Illi preliminarjament, dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex il-ġurisdizzjoni/kompetenza fuq kwistjonijiet ta' ppjanar u d-determinazzjoni ta' dawn il-kwistjonijiet u dana peress li skont il-liġi dawn huma fdati lill-Awtorità esponenti, bir-rimedju tal-appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar mid-deċiżjonijiet tal-istess Awtorità, liema Tribunal hu kostitwit bil-liġi u bir-rimedju ulterjuri u aħħari ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell fis-(Sede Inferjuri) tagħha, u mhux permezz tal-proċeduri odjerni;*
>
> *2. Illi preliminarjament, qed tiġi eċċepita l-eċċezzjoni ta' res judicata stante li t-talbiet attriċi ġew diġà deċiżi mit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar fil-kawża fl-ismijiet Godwin Gatt vs. L-Awtorità tal-Ippjanar nhar it-3 ta' Ottubru 2019, liema sentenza ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar l-1 ta' Lulju 2020;»*

6. Iż-żewġ naħat ressqu l-provi tagħhom dwar dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet u ressqu l-osservazzjonijiet tagħhom bil-miktub. Fis-seduta tas-26 ta' Settembru, 2022, sar qbil illi l-kawża tista' titħalla għas-sentenza għal-lum;

7. Il-qorti ħadet qies tal-atti u tas-sottomissjonijiet kollha tal-kawża u issa tinsab f'qagħda li tagħti din is-sentenza;

***Fatti***

8. B'kuntratt tal-31 ta' Diċembru, 2014, l-atturi miżżewġin Gatt xtraw l-*utile dominium* temporanju ta' għalqa msemmija Ta' Misraħ il-Fond, fil-kuntrada Ta' Għajn Klieb u Ta' Għajn Qajjet jew Tan-Nigret, fil-limiti tar-Rabat (ara paġni 4 sa 17 tal-atti tal-kawża). F'dan il-kuntratt tniżżel li f'din l-għalqa kien hemm mibnija xi kmamar u bitħa;

9. B'deċiżjoni mogħtija fid-9 ta' Marzu, 2016 (ara paġni 46 sa 49 tal-atti tal-kawża), l-Awtorità tal-Ippjanar ċaħdet l-applikazzjoni PA/03286/14 mixħuta minn Godwin Gatt sabiex f'art ġewwa Triq Għajn Qajjet, fir-Rabat, Malta jsir «*Demolition of part dilapidated structure, restoration of existing pre-1967 room and Kalkara tal-Ġir, excavation of basement in connection of a residential unit, and refurbishment/landscaping of area»;*

10. Waħda mir-raġunijiet ewlenija għaliex l-Awtorità tal-Ippjanar iddeċidiet li ma tilqax din l-applikazzjoni kienet li ma ntweriex li l-post ta' fejn kien qiegħed jiġi propost li jsir l-iżvilupp, kien ilu jintuża bħal residenza sa qabel l-1978;

11. Godwin Gatt ikkontesta din id-deċiżjoni quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjannar. B'deċiżjoni mogħtija fit-3 ta' Ottubru, 2019 it-Tribunal iżda

ċaħad l-oġġezzjoni ta' Godwin Gatt, għaliex dan ukoll ma kienx konvint li l-post fejn kellu jsir l-iżvilupp kien qed jintuża bħala residenza fl-1978 (ara paġni 50 sa 57 tal-atti tal-kawża);

12. Godwin Gatt ressaq ukoll appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) iżda b'sentenza mogħtija fl-1 ta' Lulju, 2020 anke dan l-appell ġie miċħud (ara paġni 58 sa 62 tal-atti tal-kawża);

13. Fl-24 ta' Settembru, 2021 imbagħad tressqet din il-kawża;

***Konsiderazzjonijiet***

14. Kif ingħad aktar kmieni, din is-sentenza hija limitata biss fuq l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenuta Awtorità tal-Ippjanar;

15. L-**<u>ewwel eċċezzjoni</u>** li sejra tiġi mistħarrġa hija dik marbuta mas-setgħa ta' din il-qorti biex tisma' din il-kawża;

16. Din hija eċċezzjoni li skont l-**artikolu 730 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** għandha tiġi maqtugħa b'deċiżjoni għaliha, qabel jew inkella flimkien mas-sentenza fuq il-mertu (ara ***El Dara Limited v. Emanuel Galea*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Settembru, 2009). Ifisser għalhekk li eċċezzjoni bħal din trid tinqata' permezz ta' sentenza u mhux permezz ta' sempliċi digriet mogħti waqt verbal ta' seduta (ara ***Edwin Ċilia v. Melina Ċilia*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ġunju, 2021);

17. Illi minħabba li s-setgħa li qorti tisma' kawża toħroġ mil-liġi, kull deroga li żżommha milli tkun tista' twettaq dik is-setgħa tagħha trid tkun waħda espressa (ara ***Joseph Fenech et v. Rev. Saċ. Prof. Serafino Żarb noe et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Mejju, 1952 u ***Stanley Sullivan et v. Stephen Browning Gilmour et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Jannar, 2013). Mill-

banda l-oħra però wieħed irid ukoll iżomm f'moħħu dak imtenni mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Gaetana Ghiller et v. Michael Ebejer et***, maqtugħa fl-20 ta' Jannar 2008, li materja ta' kompetenza hi ta' ordni pubbliku u l-liġijiet li jirregolawha jridu jiġu strettament applikati. Il-ġurisdizzjoni u l-kompetenza tal-qorti ma jistgħux jiġu deċiżi fuq bażi ta' ekwità jew konvenjenza;

18. Hija r-rieda tal-liġi wkoll (ara **artikolu 774 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**) li, f'każijiet partikolari, il-qorti hija ħielsa li tqajjem minn rajha l-kwistjoni tas-setgħa tagħha li tisma' kawża, ukoll meta ma titqajjimx eċċezzjoni f'dan is-sens (ara ***L-Avukat Rachel Loporto Montebello nomine v. Victoria Dingli nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Frar, 2019 u ***Marianna sive Manon Calleja et v. Kummissarju tal-Artijiet*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Frar, 2021);

19. Issa l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandha s-setgħa li taqta' u tiddeċiedi kull materja ta' natura ċivili. Dan hu hekk sakemm din ma tkunx riżervata b'liġi *ad hoc* lil xi tribunal jew bord speċjali (ara ***Saviour Mifsud et v. Alfred Lucia et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Lulju, 2004);

20. Dwar dan il-qorti tagħraf li tribunali speċjali jew bordijiet kważi-ġudizzjarji, illum il-ġurnata, jifformaw parti waħda mill-mekkanżimu tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Fost ir-raġunijiet ewlenija wara l-ħolqien ta' dawn it-tribunali u l-bordijiet speċjalizzati nsibu: (i) il-ħeffa fil-proċeduri; (ii) it-tneħħija ta' ċertu proċeduri amministrattivi minn ħoġor il-qrati; u kif ukoll (iii) biex dawn l-organi jiddeterminaw ċertu kwistjonijiet ta' natura teknika u speċjalizzata li ġudikanti li jpoġġu fil-qrati ordinarji ma jkollhomx id-dehen u l-ħila neċessarja biex ikunu jistgħu jiddeċiedu dwarhom. Dan kollu ġustament minħabba l-limiti tal-għarfien tagħhom fuq dik l-istess materja teknika;

21. Il-qsim tal-kompetenza tal-qrati u t-tribunali hija materja ta' ordni pubbliku u l-partijiet ma jistgħux jaqblu dwar quddiem liema qorti jressqu t-tilwima tagħhom.

Dan għaliex kif tajjeb imfisser mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Anthony Azzopardi et v. Dorsi Behag et*** deċiża fil-5 ta' April, 2013,

> *«il-kompetenza tad-diversi tribunali tal-istat Malti hija regolata b'liġi, u mhux kompitu ta' xi qorti li tasserixxi kompetenza li mhux tagħha. Ir-regoli ta' proċedura huma ta' ordni pubblika u jeħtieġ li jiġu segwiti skont id-dettami espressi tagħhom, u ma jistgħux jiġu interpretati skont ix-xewqa tal-partijiet»;*

22. Meta qorti tal-ġustizzja żżomm għaliha ġurisdizzjoni li ma jkollhiex, kull deċiżjoni li tieħu dik il-qorti ma tkun tiswa għalxejn. Hekk fil-fatt ingħad fis-sentenza ***Avukat Dr. Edward Fenech Adami nomine v. Arsemis Christos nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fis-6 ta' April, 1972 li, «*Where a Court takes it upon itself to exercise a jurisdiction which it does not possess its decision amounts to nothing (**G. Halsbury's Laws (3rd Edit.) 350, 359**)*»;

23. Sewwasew fil-każ tagħna l-Awtorità konvenuta qiegħda tisħaq fl-ewwel eċċezzjoni tagħha illi din il-qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni li tisma' din il-kawża għaliex il-ġurisdizzjoni dwar ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' żvilupp ta' bini, hija mogħnija bil-liġi lit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar u lill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri);

24. Id-dispożizzjonijiet tal-liġi illi fuqhom hija mibnija din l-eċċezzjoni huma l-**artikolu 11(1)(a)(i)** u l-**artikolu 50** tal-**Kap 551 tal-Liġijiet ta' Malta** li jgħidu li t-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar u l-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) għandhom il-ġurisdizzjoni li jisimgħu u jiddeċiedu appelli dwar deċiżjonijiet li jolqtu permessi ta' żvilupp;

25. Il-ġurisprudenza tal-aħħar għoxrin sena hija miżgħuda b'deċiżjonijiet li jgħidu li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili m'għandhiex ġurisdizzjoni li tisma' kwistjonijiet amministrattivi li għandhom x'jaqsmu mal-liġi tal-ippjanar u mal-iżvilupp jew kontroll tal-iżvilupp tal-bini għaliex skont liġijiet speċifiċi din il-ġurisdizzjoni hija fdata lill-bordijiet jew tribunali speċifiċi u lill-Qorti tal-Appell (ara b'eżempju ***John***

***Cauchi v. Chairman Awtorità tal-Ippjanar*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Ottubru, 2001, ***Arkitett Anthony Fenech Vella v. Awtorità tal-Ippjanar*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Mejju, 2002, ***Victor Attard et v. Iċ-Chairman tal-Awtorità tal-Ippjanar*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' April, 2003, ***Pietru Pawl Borg et v. L-Awtorità tal-Ippjanar*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Mejju, 2003, ***Anthony Cauchi et v. L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' April, 2007, ***Fish & Fish Limited et v. Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Ġunju, 2009, ***Carmelo Farrugia et v. L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Novembru, 2009, ***Alfred Ċini v. L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Lulju, 2010, ***John sive Gino Cutajar et v. Alfred Falzon Sant Manduca et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 2020 u ***Alexander Bellia v. Awtorità tal-Ippjanar*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Ġunju, 2022);

26. Il-kwistjoni issa hija jekk il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar u tal-Qorti tal-Appell taħt il-**Kap. 551 tal-Liġijiet ta' Malta** tolqotx ukoll kwistjonijiet bħal dik tal-lum;

27. L-atturi jgħidu li b'din il-kawża huma qegħdin ifittxu biss li jiksbu dikjarazzjoni minn din il-qorti illi l-post tagħhom tar-Rabat ilu jintuża bħala residenza sa minn qabel is-sena 1978, ħaġa li skonthom taqa' fis-setgħat ta' din il-qorti illi tiddeċidiha;

28. Il-ħaġa però mhijiex daqshekk faċli, kif jippruvaw ipoġġuha l-atturi, għaliex il-qorti trid tara wkoll għaliex l-atturi jridu jiksbu din id-dikjarazzjoni ġudizzjarja. Din il-qorti m'għandhiex għalfejn tħabbel wisq moħħha biex tinduna li l-atturi fetħu din il-kawża, bi ħsieb speċifiku, *viz*. sabiex jużaw dawn il-proċeduri fil-kuntest tax-xewqa tagħhom li jiżviluppaw il-post tagħhom tar-Rabat. Kemm hu hekk, din il-kawża ma nfetħitx kontra persuni privati iżda nfetħet kontra l-Awtorità tal-

Ippjanar, li hija l-organu amministrattiv li huwa responsabbli mill-iżvilupp f'Malta. L-għan għalhekk wara din il-kawża huwa li l-atturi jiksbu sentenza favorevoli minn din il-qorti sabiex b'hekk forsi jkabbru l-possibilitajiet tagħhom li jinħarġilhom il-permess ta' żvilupp li jixtiequ;

29. Taħt dan l-aspett huwa prinċipju fundamentali li meta titressaq kontestazzjoni dwar jekk il-qorti għandhiex il-kompetenza li tisma' kawża, dik il-qorti għandha tistħarreg u tiddeċiedi dwar eċċezzjoni bħal dik fl-aspetti kollha tagħha (ara ***Salkath Limited v. Victor Azzopardi*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Diċembru, 2018). Ma jistax ikun hemm dubbju li hemm, u trid tinżamm, distinzjoni ċara bejn il-poter ġurisdizzjonali u r-rimedju jew ir-rimedji li jistgħu leġittimament jintalbu quddiem qorti mogħnija b'dak il-poter. Il-ġurisdizzjoni hi s-setgħa mogħtija lil qorti jew tribunal li tiddeċiedi tilwima bejn soġġetti ta' drittijiet u obbligi, filwaqt li l-azzjoni hi r-rimedju jew il-mekkaniżmu proċedurali li tagħti l-liġi għall-ksur jew salvagwardja tad-dritt sostantiv. L-azzjoni hi għalhekk funzjoni ta' dritt sostantiv, u ma tistax teżisti fl-assenza ta' tali dritt (ara ***Av. Kevin F. Dingli noe v. Kaptan Sebastiano Pizzimenti noe*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Lulju, 2001);

30. Fil-każ tagħna t-tilwima bejn l-atturi u l-Awtorità konvenuta hija jekk il-post tar-Rabat kienx jintuża bħala post residenzjali qabel l-1978 jew le. Din it-tilwima nqalgħet bejniethom fit-tħaddim tal-liġijiet tal-ippjanar u tal-iżvilupp, partikolarment il-*policy* 6.2A tal-linji gwida dwar żvilupp rurali tal-2014, li titkellem dwar ir-rijabilitazzjoni ta' residenzi f'żoni rurali li ilhom jintużaw qabel l-1978. L-għan għalhekk wara dawn il-proċeduri huwa sempliċement li l-atturi juru lill-Awtorità tal-Ippjanar li l-post tagħhom huwa eliġibbli għaż-żvilupp skont din il-*policy*;

31. Kif rajna aktar qabel iżda, bil-liġi skont l-**artikolu 11(1)(a)(i)** tal-**Kap 551 tal-Liġijiet ta' Malta** l-ġurisdizzjoni li tisma' ilmenti relatati ma' permessi ta' żvilupp

hija vestita fit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar u mhux fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili;

32. Filwaqt li din il-qorti tista' tifhem li l-atturi għandhom il-pjanijiet u l-ħolm tagħhom dwar x'iridu jagħmlu bil-post mertu ta' dan il-kawża, madankollu l-atturi jridu jifhmu wkoll li din il-qorti għandha s-setgħa li tisma' u taqta' kull kwistjoni ta' għamla ċivili sakemm is-setgħa dwar kwistjoni bħal dik ma tkunx ġiet mogħtija lil tribunal speċjali b'liġi apposta. Sewwasew f'dan il-każ, jekk l-atturi għandhom tilwima mal-Awtorità tal-Ippjanar dwar jekk il-post tagħhom jistax jiġi żviluppat jew le, tali tilwima trid titressaq lit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar u lill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) u mhux lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili;

33. Fil-fatt jirriżulta mill-atti tal-kawża li l-atturi ġa ressqu t-tilwima tagħhom dwar dan is-suġġett quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar u l-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) skont id-dispożizzjonijiet tal-**Kap 551 tal-Liġijiet ta' Malta** u ħarġu telliefa;

34. L-atturi ma jistgħux jinqdew b'dawn il-proċeduri quddiem din il-qorti biex jippruvaw ixejnu d-deċiżjonijiet mogħtija mit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar u l-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri), biex bħalma jgħid il-Malti: minflok jgħaddu mill-bieb jgħaddu mit-tieqa. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili m'għandhiex is-setgħa lanqas b'mod residwali taħt l-**artikolu 32(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** li tistħarreġ id-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (ara ***John sive Gino Cutajar et v. Alfred Falzon Sant Manduca et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 2020);

35. F'dan il-każ, il-kwistjoni kollha dwar jekk il-post tar-Rabat mertu ta' din il-kawża kienx jintuża bħala residenza qabel l-1978, hija kollha kemm hi kwistjoni ta' natura amministrattiva li hija rilevanti biss fil-kuntest ta' applikazzjoni ta' żvilupp. Bħala tali għalhekk kwistjoni bħal din ma tistax tiġi deċiża minn din il-qorti. Id-dikjarazzjoni li l-atturi jridu jiksbu fil-konfront tal-ġid tagħhom għandhom ifittxuha

fil-kuntest tal-liġi dwar l-ippjanar u l-iżvilupp u mhux quddiem din il-qorti. Dawn il-proċeduri saru għalxejn għax ladarba hawnhekk ninsabu fil-qasam tal-liġi tal-ippjanar u tal-iżvilupp, ir-rimedju kellu jintalab taħt ir-reġim tal-liġi li tirregola dawn il-ħwejjeġ. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***L-Għaqda Assoċjazzjoni tal-Ħwienet ta' Wied il-Għajn et v. Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et*** deċiża fit-8 ta' Jannar, 2010: «*kellhomx raġun jew le l-atturi, l-ilment tagħhom kellu jiġi deċiż biss (kif fil-fatt ġara) fil-kuntest tal-proċeduri li tipprovdi dik il-liġi, u, kwindi l-atturi ma jistgħux jinvokaw xi ġustifikazzjoni għal ftuħ ta' din il-kawża*»;

36. Hawnhekk ir-rieda tal-leġislatur hija ċara ħafna, *viz*. li tilwim mal-Awtorità tal-Ippjanar li għandu x'jaqsam ma' applikazzjonijiet ta' żvilupp ma jistgħux jiġu deċiżi mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Għalhekk din il-qorti qiegħda ssib li l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorità konvenuta li din il-qorti ma tistax tisma' u tiddeċiedi din il-kawża hija waħda tajba;

37. Billi l-qorti m'għandhiex setgħa tisma' din il-kawża hija ma tistax tistħarreġ il-mertu tal-kwistjoni li għandhom il-partijiet u għalhekk għandha tieqaf hawn u teħles lill-Awtorità konvenuta mill-ħarsien ta' dan il-ġudizzju (ara ***Joseph Abela v. Georgina Abela*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu, 2007 u ***Anthony Formosa v. L-Avukat Joseph Ellis et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2018). Dan hu hekk għaliex qorti li m'għandhiex setgħa li tisma' kawża, la tista' tilqa' u lanqas tista' tiċħad talba, sewwasew għaliex hija m'għandhiex is-setgħa li tqis dawk it-talbiet (ara ***George Vassallo v. Kummissarju tal-Pulizija*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 1998);

38. Il-qorti tagħlaq billi tgħid li hija ma tistax tibgħat l-atti ta' din il-kawża lit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar skont l-**artikolu 741(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Dan għaliex mhux biss illum laħaq għadda ż-żmien ta' tletin jum imsemmi fl-**artikolu 13 tal-Kap 551 tal-Liġijiet ta' Malta** biex ilment wara deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar jista' jitressaq quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni

tal-Ambjent u l-Ippjanar, iżda anke għaliex it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar ġa esprima ruħu fuq din il-kwistjoni b'deċiżjoni mogħtija fit-3 ta' Ottubru, 2019, li ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Lulju, 2020;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda **tilqa**' l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar għaliex issib li din il-qorti m'għandhiex is-setgħa li tisma' u taqta' din il-kawża u b'hekk hija qiegħda teħles lill-istess Awtorità mill-ħarsien tal-ġudizzju;

L-ispejjeż kollha tal-kawża għandhom jitħallsu mill-atturi Godwin u Amanda Gatt ladarba kienu huma li fetħu din il-kawża għalxejn.

______________________

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

______________________

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**